**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Gunju, 2019**

**Talba Nru: 453/2018PM1**

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joan Cachia u l-istess Joan Cachia (ID Nru. 152258(M))**

**Vs**

**Lino Micallef f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc 'JM Skip Hire'**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Settembru, 2018 illi permezz tieghu l-atturi talbu li t-Tribunal jordna lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' elf mija u tnax-il euro tnejn u tletin centezmu (€1112.32) rapprezentanti d-danni kollha sofferti minn Joan Cachia assikurata mas-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited u li ghalihom ghamlet tajjeb in kwantu ghal disa' mija sebgha u tmenin euro tnejn u tletin

centezmi (€987.32) l-istess socjeta` attrici Elmo Insurance Limited bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha u in kwantu ghal mija hamsa u ghoxrin euro (€125) l-attrici Joan Cachia u dan in segwitu ghal incident li sehh bejn is-6 u s-7 ta' Marzu, 2017 fix-Xatt tal-Birgu (maghruf ahjar bhala l-Grand Harbour Marina), il-Birgu, meta waqt li l-attrici Joan Cachia kellha l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBL659, appartenenti lilha, ipparkjata fl-imsemmija triq, zewg skips taru ghal fuq l-istess vettura, liema skips kienu jappartjenu lill-konvenut jew kienu jaqghu taht ir-responsabbilta` tieghu. Isegwi ghalhekk illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u ghad-danni konsegwenzjali subiti mill-atturi. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2018 u bl-imghax legali b'effett mit-30 ta' Mejju, 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 12 t' Ottubru, 2018 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u, konsegwentement, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-esponenti jichad illi xi skip tieghu ikkawza xi hsara lill-vettura HBL659 assikurata mas-socjeta` rikorrenti meta din allegatament kienet ipparkjata fix-Xatt tal-Birgu bejn is-6 u s-7 ta' Marzu, 2017.
2. Illi l-esponenti lanqas biss kien jaf b'din l-allegazzjoni hlief xi ghaxar xhur wara li sehh l-allegat akkadut meta ircieva telefonata minghand certu James Borg Cumbo impjegat mas-socjeta` rikorrenti.
3. Illi *in subsidum* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm huwa minnu illi l-esponenti kellu xi skip fl-akkwati, l-iskip tieghu ma kienx l-uniku skip u ghalhekk semmai, ghandha ssir il-prova illi l-iskip in kwistjoni kien effettivament dak appartenenti lill-esponenti,
4. Illi *in subsidium* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-iskip tal-esponenti kien mikri lil Heritage Malta Services Limited, u ghalhekk, semmai, ghandha taghmel tajjeb ghal kwalsiasi danni l-istess Heritage Malta Services Limited.

5. Illi, *in subsidum* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandha ssir il-prova tad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti kif ukoll illi l-istess danni gew ikkawzati mill-iskip relattiv
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal datat 20 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu it-Tribunal, fuq talba tal-intimat, ordna l-kancellament tal-kawza odjerna ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija.

Ra t-talba tal-atturi u d-digriet relattiv ghar-riappuntament tal-istess kawza odjerna datat 8 ta' Dicembru, 2018.

Ra n-nota tal-atturi datata 25 ta' Marzu, 2019 u d-dokumenti annessi mal-istess (fol. 18 sa fol. 34 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' George Stagno Navarra u ta' Valentine Cachia waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Pierre Balzia waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Joan u Valentine konjugi Cachia, ta' James Borg Cumbo u tal-intimat Lino Micallef waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019.

Ra li waqt l-istess seduta l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Sema' t-trattazzjoni tal-istess avukati tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-azzjoni odjerna tirrigwardja talba ghall-kumpens tad-danni sofferti mill-atturi f'incident li sehh bejn is-6 u s-7 ta' Marzu, 2018 meta, skont l-avviz promotur, zewg skips allegatament proprjeta` tal-intimat allegatament ikkawzat hsara lill-vettura tal-attrici. Sussegwentement irrizulta mill-provi li l-iskip li allegatament ikkawza din il-hsara kien wiehed.

Illi l-fattispeci tal-kaz kif allegati mill-atturi huma pjuttost semplici. Huma jikkontendu li f'gurnata rih qawwi l-attrici irceviet l-ahbar kerha minghand kollega taghha tax-xoghol li kien hemm skip mahbuta mal-vettura taghha. Meta marret hdejn il-vettura taghha hija sabet dak li jidher fir-ritratt ezebit a fol. 31 u 49 tal-process u cioe` skip bajda mahbuta mal-vettura taghha. Hija ressqet il-*claim* taghha ghand is-socjeta` assikuratrici attrici u thallset ghat-tiswijiet mehtiega f'dan ir-rigward ammontanti ghas-somma mitluba, salv ghall-*excess* li hallset hi.

Illi da parti tieghu l-intimat jichad l-involviment tieghu f'dan l-incident billi jikkontendi li ghalkemm dakinhar tal-incident huwa kellu skips minn tieghu fil-post fejn kienet ipparkjata l-vettura tal-attrici, huwa ma jistax jghid jekk l-iskip li kkawzat il-hsara hijiex effettivament tieghu. Huwa jikkontendi li fl-istess sit ikun hemm skips ohrajn ta' terzi utilizzati ghar-*recycling* u li l-iskip li tidher fir-ritratt surreferit effettivament tista' tkun l-iskip utilizzata ghar-riciklagg tal-karti liema skip allura ma tappartjenix lilu. F'dan ir-rigward huwa xehed li ma setax jghid huwa stess jekk l-iskip kenitx tieghu jew le u dan ghaliex ir-ritratt mehud m'ghandux xi forma ta' identifikazzjoni dwar il-proprjeta` jew imqar l-uzu tal-iskip.

Illi f'dan il-kaz it-Tribunal ma jistax ma jitlaqx mill-premessa illi l-oneru tal-prova jinsab pjenament fuq l-atturi, *multo magis* tenur kont tal-eccezzjonijiet cari imressqin f'dan ir-rigward mill-istess intimat. F'dan ir-rigward, fil-fatt, mill-aspett prettament legali, jinsab deciz li :

> *"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li* onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. ***Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni.*** *Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant.* ***Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*** » (**Giordmaina Medici Frank Et Vs William Rizzo Et** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April, 2004 – enfazi mizjuda).

Hekk ukoll jinsab deciz li:

> *«* ***Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah****. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*" (**Ciantar Emanuel Vs Curmi David Noe** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April, 2003).

Illi fuq kollox huwa wkoll l-istess art. 562 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi espressament li:

> *« Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. »*

Illi issa fil-kaz in ezami l-atturi illimitaw ruhhom li jikkontendu li l-iskip li kkawzat l-incident kienet wahda minn dawk appartenenti lill-intimat a bazi ta' informazzjoni li l-attrici tghid li ottjeniet minghand terza persuna mhux maghrufa u li ma giet qatt

identifikata tramite x-xhieda taghha wisq anqas tressqet bhala xhud f'dawn il-proceduri. Ir-ragel tal-attrici stess xehed li "*jiena personalment ma kellix informazzjoni ta' min kien is-sid ta' dan l-iskip madanakollu nghid li marti ottjeniet xi nformazzjoni f'dan is-sens minghand terzi. Marti ma qaltlix minghand min gabet din l-informazzjoni.*" L-attrici stess stqarret ukoll is-segwenti: "*Qed nigi mistoqsija jiena kif stajt nistabilixxi min kien is-sid ta' din il-vettura* (sic) *nghid li ghaddew sentejn minn fuq id-data tal-incident u jiena qeghdha bil-gurament pero` nista' nghid li kien hemm terza persuna li jiena niddeskrivi bhala ruh tajba li taghtni din l-informazzjoni, ghaddietli l-isem u n-numru tat-telefon tal-persuna li hija s-sid ta' dan l-iskip* (…) *Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li din il-persuna ma qaltlix minn fejn gabet din l-informazzjoni.* » Tali verzjoni tinsab ukoll konfermata minn James Borg Cumbo, rapprezentant tas-socjeta` assikuratrici attrici li jikkonferma wkoll din il-verzjoni u jghid li kienet l-assikurata taghhom li infurmathom min kien sid l-iskip. Huwa jkompli jixhed li l-istess sid gie ikkuntatjat minnhom u ma cahadx l-involviment tieghu anzi « *ikkonferma li l-iskip effettivament kienet tieghu* » anke jekk « *altrimenti ma kienx kooperattiv* ». Mistoqsi aktar fid-dettall dwar il-kontenut ta' tali komunikazzjoni ix-xhud kellu s-segwenti xi jghid : « *Qed nigi mistoqsi mit-Tribunal x'kien il-kliem preciz li qalli l-intimat meta jiena kellimtu, nghid li jiena ma nistax niftakru u fil-fatt tlabt ukoll biex ikolli transcript jew recording ta' din it-telefonata pero` din ma kinitx disponibbli. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena cert mill-fatt li l-intimat lili ma qallix li fiz-zona kien hemm skips ta' xi haddiehor.* » Hekk ukoll George Stagno Navarra, *Court representative* tas-socjeta` attrici assikuratrici jghid li : « *Strihajna fuq l-informazzjoni li ghaddielna l-klijent fir-rigward ta' min hu l-allegat sid ta' din l-iskip* »

Illi da parti tieghu l-intimat stqarr is-segwenti : « *ma nistax nikkonferma jekk dan l-iskip huwiex tieghu jew le.* (…) *Nghid li jien inkun nista' naghraf l-iskip tieghi peress li fuq quddiem ikollu sticker taghna u gieli fuq gewwa wkoll ikun hemm immarkat id-ditta taghna.* (…) *Fil-fatt nghid li dan l-iskip jista' jkun effettivament l-iskip tal-karta. Hekk ukoll fir-rigward tal-iskip tar-recycling tal-karti jkun hemm sticker fuq quddiem li f'dan*

*il-kaz ma tidhirx. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li l-iskip li jidher abjad jista' jkun tal-karti peress li hemm diversi tipi ta' skips li jintuzaw ghar-*recycling *tal-karti, hemm uhud minnhom bhal ma qed jigi suggerit mit-Tribunal li huma forma ta' qanpiena u jingabru permezz tal-*high up, *hemm ukoll tip ta' skips ohrajn li huma simili bhal dawn li jidhru fir-ritratt a fol. 49 u li jintuzaw ukoll ghar-*recycling *tal-karti.* »

Avut rigward ghall-verzjonijiet surreferit it-Tribunal ikollu tabilfors isib li l-atturi ma lahqux l-oneru tal-prova impost fuqhom mill-azzjoni taghhom almenu sal-grad ta' bilanc ta' probabiltajiet sufficjenti sabiex inissel dik ic-certezza morali mehtiega mill-gudikant. Kif intqal hawn fuq, tali certezza morali ma tistax titnissel minn meri supposizzjonijiet, xnieghat jew allegazzjonijiet mhux pruvati. Huwa car ukoll li, kif gustament sottomess mill-konvenut, kien jinkombi fuq l-istess atturi mhux biss li jippruvaw il-hsara sofferta minnhom imma wkoll in-ness kawzali bejn tali hsara u r-responsabilita` tal-intimat. Huma jippruvaw jorbtu tali responsabilita` mal-allegazzjoni taghhom li l-konvenut kien sid l-iskip li kkawzat tali hsara u kwindi responsabbli ghaliha. Huwa minnu li, kif xehed ilkonvenut, skips bojod kienu jintuzaw ukoll ghar-riciklagg tal-karti. Huwa minnu wkoll li l-proprjeta` ta' tali skip setghet tigi determinata tramite stickers jew marki ohrajn li seta' kien hemm fuqha jew ukoll tramite x-xhieda tal-persuna li indika lill-konvenut bhala s-sid lill-attrici. Ir-ritratti ezebiti ma jindikawx xi sticker jew marka li tidentifika l-iskip bhala proprjeta` tal-intimat. L-atturi ghazlu li jistriehu fuq allegazzjoni ta' terz mhux identifikat moghtija lill-assikurata taghhom u baqghu ma ressqux provi anke tramite rapprezentanti tal-awtoritajiet kompetenti – inkluz il-Kunsill Lokali relattiv jew Heritage Malta - sabiex jiddeterminaw min kien sid l-iskip li kkawzat il-hsara, dana minkejja l-eccezzjonijiet cari imressqin f'dan is-sens mill-konvenut. **Perdipiu` it-Tribunal jinnota li l-iskip indikata fir-ritratt a fol. 49 tal-process sahansitra tidher li tikkontjeni xi kartun u kwindi, jekk xejn, skont tali ritratt huwa aktar probabbli li din l-iskip kienet effettivament intiza ghar-riciklagg tal-karti kif jipprova jargumenta l-intimat u kwindi ma kenitx proprjeta` tieghu.**

Illi issa huwa minnu li, skont ix-xhud Borg Cumbo kien l-istess konvenut li ammetta mieghu li l-iskip li kkawzat l-incident kienet tieghu u dana meta gie ikkuntatjat bit-telefon minnu. Madanakollu f'dak l-istadju wkoll Borg Cumbo kien qed jipprovdi din l-informazzjoni lill-konvenut a bazi ta' dak li kienu qalulu l-assikurati tieghu u, anke jekk kienu ghaddew mal-ghaxar xhur mill-incident, l-istess konvenut gie prattikament prezentat b'informazzjoni stabilita li l-iskip kienet tieghu – dana anke meta l-istess xhud jikkonferma li huwa ma staqsihx jekk setghax ikun hemm skips ta' terzi persuni fil-post tal-incident « *anzi jiena lilu ghidtlu li l-informazzjoni li kellna kienet tindika li kien l-iskip tieghu li effettivament ikkawza l-hsara lill-assigurata taghna.* » It-Tribunal huwa tal-fehma li, tenut kont tal-fatt li l-assikurazzjoni kienet qed tistrieh merament fuq allegazzjoni da parti ta' terz mhux identifikat maghmulha mal-assikurata taghha u li lanqas irrizulta min kien is-sid tal-iskip tramite xi investigazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva jew awtorita` ohra kompetenti, kien jinkombi fuq l-istess assikurazzjoni li taghmel l-accertament kollha mehtiega da parti taghha jew tezigi li l-Pulizija Ezekuttiva tinvestiga l-kaz sabiex tistabilixxi l-identita` tas-sid tal-iskip u mhux tipprezenta lill-intimat b'fatt accertat meta dan ma kien fatt accertat xejn. Jerga' jinghad li anke f'dawn il-proceduri, sa mir-risposta tieghu, il-konvenut qed jikkontendi li hu ma kienx responsabbli ghall-akkadut imma minkejja dan l-atturi ghazlu li jkomplu jistriehu fuq mera allegazzjoni maghmulha minn persuna anonima minflok iressqu provi cari li juru almenu fuq bilanc ta' probabilta` li l-iskip *de quo* tappartjeni lill-intimat u oltre li kienet fil-kontroll tieghu.

Inoltre, permezz tal-email datata 25 ta' Jannar, 2018 jinsab indikat li *se mai*, waqt il-konversazzjoni telefonika ma' Borg Cumbo, l-intimat ammetta mhux li l-incident gie ikkawzat minn skip tieghu imma li « *you were supplying the skips at the Grand Harbour Marina back in March 2017* ». Dak li kellu jigi pruvat mhux li l-intimat kellu skips fiz-zona – fatt dan inkontestat – imma l-fatt li l-iskip li kkawzat il-hsara kienet effettivament proprjeta` tal-intimat u kwindi li l-intimat kien responsabbli ghaliha u mhux terzi. Certament li t-Tribunal ma jistax jaqbel ma' dak sottomess mid-difensur legali tal-atturi li l-fatti tal-kaz – avut rigward ukoll ghall-asjem tal-provi prodotti mill-partijiet -

jikkostitwixxu *res ipsa loquitur*. Pjuttost ikollu jinghad li l-atturi ikkunsidraw b'certa leggerezza l-oneru tal-provi imqieghed fuqhom dana meta kienu jafu bejn tajjeb in-natura tal-kontestazzjoni u meta kellhom il-mezzi kollha sabiex jippruvaw o meno dak li kien jinsab allegat minnhom a bazi ta' mera informazzjoni moghtija minn terz anonomi. Kien imbaghad ikun jinkombi fuq ilkonvenut li jipprova jehles mir-responsabilita` tieghu b'referenza ghal fatturi li jistghu jehilsuh ; imma, qabel dan, l-oneru tal-prova dwar il-proprjeta` tal-iskip li kkawzat il-hsara certament li kien jaqa' ghal kollox fuq l-atturi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat u jastjeni milli jikkunsidra l-eccezzjonijiet rimanenti, konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez jigu sopportati interament mill-atturi.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**